**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 90/12VG**

**Pentasia Malta Limited**

**Vs**

**PIVGAME Limited già magħrufa bħala Pokerinvence Limited**

**Illum 10 ta' Diċembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Pentasia Malta Limited fit-8 ta' Marzu 2012 permezz ta' liema titlob li s-soċjetà PIVGAME Limited, già magħrufa bħala Pokerinvence Limited, tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' erbat elef mija disgħa u tmenin Euro (€4,189) rappreżentanti l-valur tal-fattura bin-numru 1009-568 datata 22 ta' Settembru 2010 fir-rigward ta' servizzi ta' reklutaġġ lilha reżi ai termini ta' ftehim aċċettat u ffirmat minnha, liema somma hija naqset milli tħallas minkejja interpellazzjonijiet da parte tas-soċjetà Pentasia Malta Limited, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-fattura sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż, inklużi dawk relattivi għall-ittra uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, bin-Numru 273/12, kif ukoll dawk relattivi għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 377/12, kontra s-soċjetà PIVGAME Limited;

Rat ir-Risposta tas-soċjetà konvenuta permezz ta' liema teċċepixxi li: (i) preliminarjament, hija ma hijiex il-leġittimu kontradittur tal-kawża odjerna stante li l-kuntratt li fuqu hija ibbażata t-talba ġie ffirmat ma' terzi; u (ii) bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni u fil-mertu, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-soċjetà attriċi ma onoratx l-obbligi kontrattwali tagħha u konsegwentement l-ebda ammont ma huwa dovut;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Cesare Florio mogħtija quddiem l-Assistent Ġiudizzjarju Dr. Daniela Mangion waqt is-seduta miżmuma fl-20 ta' Marzu 2013[1], u

[1] Fol. 17 sa' 23 tal-proċess

dana skond Digriet mogħti fit-18 ta' Marzu 2013[2], semgħet ix-xhieda ta' Joseph Saliba[3], rappreżentant ta' l-ETC, u tal-Prokuratur Legali Louisa Tufigno[4], in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpanniji, mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2013 u rat id-dokumenti minnhom rispettivament esebiti markati Dok. "JS" a fol. 34 tal-proċess u Dok. "LT" u Dok. "LT1" a fol. 35 u 36 tal-proċess, rat id-dokumenti markati Dok. "PM1" sa' Dok. "PM10" esebiti mis-soċjetà attriċi permezz ta' Nota ppreżentata fit-28 ta' Novembru 2013 a fol. 37 sa' 74 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' Christopher Vella mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Jannar 2018[5];

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Frar 2014[6] id-difensuri tas-soċjetà attriċi ddikjaraw li hemm numru ta' kawżi pendenti bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta fejn il-mertu huwa identiku għall-kawża odjerna u waħda minn dawn il-kawżi fil-fatt ġiet deċiża u hemm appell pendenti minnha u b'hekk talbu li l-Qorti tissospendi s-smigħ tal-provi f'dawn il-proċeduri pendenti l-eżitu ta' l-imsemmi appell;

Rat li wara diversi differimenti għall-informazzjoni, b'Digriet mogħti fit-12 ta' Ġunju 2017[7], ġie ordnat li jinstemgħu l-provi kollha u tingħata sentenza waħda għal dan il-każ;

Rat li waqt is-seduta ta' 16 ta' April 2018[8], l-istadju tal-provi tas-soċjetà konvenuta ġie dikjarat magħluq u d-difensur tas-soċjetà attriċi filwaqt li ddikjara l-kawża tista' tibqa' differita għas-sentenza, għamel referenza għas-sentenza pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet "Pentasia Malta Limited v. PIVGAME Limited" Rik. Nru. 92/12/1;

Rat l-atti kollha tal-kawża u rat is-sentenzi pronunċjati fil-kawża fl-ismijiet "Pentasia Malta Limited v. PIVGAME Limited" Rik. Nru. 92/12;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà attriċi titlob li s-soċjetà konvenuta, già magħrufa bħala Pokerinvence Limited, tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' €4,189, rappreżentanti l-valur tal-fattura bin-numru 1009-568 datata 22 ta' Settembru 2010 fir-rigward ta' servizzi ta' reklutaġġ lilha reżi ai termini ta' ftehim aċċettat u ffirmat minnha, liema somma hija naqset milli tħallas minkejja interpellazzjonijiet da parte ta' l-istess soċjetà attriċi.

Is-soċjetà konvenuta tilqa' għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) preliminarjament, hija ma hijiex il-leġittimu kontradittur tal-kawża odjerna stante li l-kuntratt li fuqu hija bbażata t-talba ġie ffirmat ma' terzi; u (ii) bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni u fil-mertu, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li

[2] Fol. 16 tal-proċess.
[3] Fol. 75 tal-proċess.
[4] Fol. 76 sa' 78 tal-proċess.
[5] Fol. 92 tal-proċess.
[6] Fol. 79 tal-proċess.
[7] Fol. 89 tal-proċess.
[8] Fol. 96 tal-proċess.

s-soċjetà attriċi ma onoratx l-obbligi kontrattwali tagħha u konsegwentement l-ebda ammont ma huwa dovut.

Għalkemm b'Digriet mogħti fl-24 ta' Mejju 2012[9] il-Qorti kienet ordnat l-inverżjoni tal-provi fid-dawl ta' l-eċċezzjoni preliminari mogħtija mis-soċjetà konvenuta, b'Digriet ulterjuri mogħti fit-12 ta' Ġunju 2017[10], il-Qorti ordnat li jinstemgħu l-provi kollha u tingħata sentenza waħda relattiva għal dan il-każ. Fid-dawl ta' dan għalhekk f'din is-sentenza se tiġi trattata kemm l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà konvenuta kif ukoll l-azzjoni attriċi fil-mertu.

Kif già iktar 'l fuq osservat, l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta hija fis-sens illi hija ma hijiex il-leġittimu kontradittur tas-soċjetà attriċi fil-proċeduri odjerni għar-raġuni li l-kuntratt li fuqu hija bbażata t-talba attriċi ġie ffirmat ma' terzi. Fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni preliminari l-Qorti tagħmel referenza għal għall-prinċipji ġuridiċi applikabbli in materja ossia li:

- *B'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem l-eżistenza ta' rapport bejn iż-żewġ partijiet in virtù ta' liema l-wieħed, kreditur, għandu d-dritt jippretendi mingħand l-ieħor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tiegħu. Obbligazzjoni din li tista' tkun waħda kemm "di dare" jew "di fare" jew "di non fare". Tali rapport obbligatorju jista' jkun wieħed fis-sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgħa* - **Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma et v. Emanuel Grixti** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2007;

- *Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, il-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan, naturalment ma jifissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża* - **Frankie Refalo et v. Jason Azzopardi et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001;

- *Meta negozju jkun ġestit minn soċjetà b'responsabilità limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-*

[9] Fol. 11 tal-proċess.
[10] Fol. 89 tal-proċess.

*aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha issir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa, it-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor. Normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Il-piż tal-prova li min jikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel l-allegazzjoni* - **Camel Brand Co. Ltd. v. Michael Debono**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Marzu 2002.

Il-kuntratt li fuqu s-soċjetà attriċi tibbaża t-talba tagħha jinsab esebit a fol. 42 sa' 48 tal-proċess flimkien ma' l-affidavit ta' Christopher Vella[11], Direttur tas-soċjetà attriċi. Dan Christopher Vella xehed illi *fis-sena 2009, is-soċjetà intimata kienet għamlet kuntatt ma' Pentasia Malta Limited bil-għan li din tipprestalhom is-servizzi ta' reklutaġġ. Hija l-prassi f'dawn iċ-ċirkostanzi li Pentasia Malta Limited tiddiskuti u tikkonkludi mal-klijenti tagħha ftehim li nirreferu għalih bħala "Terms of business". Dan il-ftehim huwa intiż li jirregola r-relazzjonijiet bejn is-soċjetà Pentasia Malta Limited u l-klijenti tagħha. FIl-fatt kien ġie konkluż dan it-tip ta' ftehim ma' PIVGAME Limited u għalhekk it-Terms of business, kopja ta' liema ftehim huwa anness u mmarkat bħala Dok. CV1, kienu ġew iffirmati minn Cesare Florio għas-soċjetà intimata nhar is-6 ta' Mejju 2009. Cesare Florio kien direttur tas-soċjetà PIV Game Limited.*

Il-ftehim in kwistjoni kien fil-fatt ġie ffirmat minn Cesare Florio bħala Direttur tas-soċjetà Pokerinvence Limited[12], liema soċjetà però skond kif xehed l-istess Cesare Florio hija l-istess soċjetà konvenuta. Fir-rigward Cesare Florio[13] kien iddikjara *Pokerinvence Limited u PIVGAME Limited huma l-istess kumpanija. Jiena naħdem fil-qasam ta' sales management fi ħdan il-kumpanija. Fis-sena 2010 kont direttur tal-kumpanija. Jiena fis-sena 2010 bħala direttur tal-kumpanija Pokerinvence Limited kont dħalt f'kuntratt mas-soċjetà attriċi. Din il-kumpanija hija "recruitment agency" u għalhekk kellha ssib nies biex jaħdmu magħna.*

Fid-dawl ta' dak dikjarat minn Cesare Florio u fid-dawl tal-prinċipji ġurdiċi iktar 'l fuq ċitati, isegwi li l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà konvenuta, fis-sens illi ma hijiex il-leġittimu kontradittur tas-soċjetà attriċi għaliex il-ftehim ġie iffirmat ma' terzi persuni, assolutament ma tistax tiġi milqugħa in kwantu għal kollox inġustifikata.

Trattata l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà konvenuta, il-Qorti ser tgħaddi biex tittratta l-azzjoni attriċi fil-mertu.

Is-soċjetà attriċi tesiġi ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta tas-somma ta' €4,189 rappreżentanti l-import ta' fattura bin-numru 1009-568 datata 22 ta' Settembru

[11] Fol. 38 sa' 40 tal-proċess.
[12] Fol. 42 tal-proċess.
[13] Xhieda mogħtija quddiem l-Assistent Ġiudizzjarju Dr. Daniel Mangion waqt is-seduta miżmuma fl-20 ta' Marzu 2013, fol. 17 sa' 23 tal-proċess.

2010, esebita a fol. 41 tal-proċess flimkien ma' l-affidavit ta' Christopher Vella li, kif ingħad iktar 'l fuq, huwa d-Direttur tas-soċjetà attriċi. Din il-fattura tirreferi għal *recruitment consultancy services for the introduction of Ms. Paula Claudia Sariola Customer Support Representative* u fir-rigward tas-somma pretiża Christopher Vella xehed illi *ftit tax-xhur wara* - u cioè ftit xhur wara li s-soċjetà attriċi ressqet żewġ kandidati prospettivi bħala impjegati mas-soċjetà konvenuta - *is-soċjetà PIV Game Limited kienet reġgħet avviċinat lis-soċjetà Pentasia Malta Limited għat-tieni darba biex issibilha kandidati prospettivi għal erba' vacancies fi ħdanha li kienu jirrigwardjaw persuni fil-Customer Support bl-ispeċifikazzjoni li tnejn kellhom jitkellmu l-lingwa Ingliża filwaqt li t-tnejn l-oħra jitkellmu bil-lingwa Spanjola. Illi s-soċjetà Pentasia Malta Limited iddedikat riżorsi konsiderevoli għal numru ta' ġimgħat għal dawn il-vacancies u kienet bagħtet madwar 20 kandidat prospettiv lill-istess PIV Game. Is-soċjetà intimata kienet impjegata erba' minn dawn il-kandidati prospettivi mibgħuta mis-soċjetà Pentasia Malta Limited, senjatament lil Paula Caludia Sariola, Douglas Da Silva Pace, Jean Karl Abela u Eliseu Samuel Ferreria. Illi dawn l-erba' kandidati kienu ingaġġati mis-soċjetà intimata bil-paga ta' €17,750 fis-sena kull wieħed u b'hekk, ai termini tal-klawsola 3.2 tat-terms of business imsemmija, l-ammont dovut lis-soċjetà Pentasia Malta Limited huwa ta' 20% ta' din il-paga, senjatament is-somma ta' €3,550 flimkien ma' €639 bħala VAT, li b'kollox jammontaw għal €4,189. Illi flimkien ma' dawn l-imsemmija erba' persuni, is-soċjetà Pentasia Malta Limited kienet bagħtet ukoll kandidat ieħor, senjatament lil ċerta David Martinez, bħala replacement ta' kandidat ieħor preċedenti li kien irriżenja minn mas-soċjetà intimata, kif imsemmi fil-paragrafu 6 hawn fuq, liema replacement sar mingħajr ħlas aġġunt ai termini tal-klawsola 4.1 tat-Terms of Business iffirmat bejn il-partijiet. Illi hekk kif ġew ingaġġati dawn l-imsemmija erba' kandidati mis-soċjetà intimata, is-soċjetà Pentasia Malta Limited kienet bagħtet lis-soċjetà intimata fit-22 ta' Settembru 2010 erba' fatturi bin-numri 1009-568, 1009-569, 1009-570 u 1009-571 rispettivament għal kull kandidat li ġie ingaġġat mis-soċjetà intimata u dan ai termini tal-klawsola 3.1 tat-Terms of Business sopra imsemmi. … Illi s-soċjetà PIVGAME Limited baqgħet inadempjenti fil-ħlas tagħha sal-ġurnata tal-lum u dan minkejja li ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-ammont tal-fatturi flimkien ma' l-interessi relattivi u għalhekk kellha ssir din il-kawża. Illi għaldaqstant jirriżulta ampjament ċar illi PIVGAME Limited huma kredituri tas-soċjetà Pentasia Malta Limited fis-somma bilanċjali ta' €4,189.00 mertu tal-fattura bin-nurm 1009-568 maħruġa fil-konfront ta' Paul Claudia Sariola, kopja ta' liema hija anness u esebita bħala Dok. CV2 maħruġa fit-22 ta' Settembru 2010, bl-imgħaxijiet kalkolabbli mill-iskadenza ta' 30 ġurnata kif provdut fl-Artikolu 5.2 tat-Terms of Business u dan minkejja li s-soċjetà Pentasia Malta Limited bgħatet lis-soċjetà intimata Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra ġġib in-numru 273/2012 kif ukoll għamlet Mandat ta' Sekwestru kontra l-istess, liema Mandat iġib in-numru 377/2012.*

Is-soċjetà attriċi ressqet bħala xhud ukoll lil Sara Portelli li fl-affidavit[14] tagħha ddikjarat illi: *jiena nokkupa l-kariga ta' Consultant mas-soċjetà attriċi Pentasia Malta Limited, ma liema soċjetà ilni impjegata għal dawn l-aħħar sena u nofs ċirka. Illi ftit taż-żmien wara li s-soċjetà PIV GAME Limited, li sa' dak iż-żmien kien*

[14] Fol. 49 u 50 tal-proċess.

*jisimha Poker IN Venice Limited, kienet iffirmat it-Terms of Business fis-6 ta' Mejju 2009 jien kont ġejt inkarigata mis-superjuri tiegħi biex insib kandidati prospettivi għall-vacancies li l-imsemmija PIV Game Limited kellha f'dawk iż-żminijiet. Illi jien kont ġejt assenjata biex nidentifika kandidati prospettivi biex jiġu impjegati mill-istess soċjetà intimata. Wara r-riċerka li s-soltu nagħmlu bħala aġenzija ta' reklutaġġ sabiex nidentifikaw kandidati prospettivi, kont identifikajt madwar 20 kandidat prospettivi. Minn dawn il-kandidati prospettivi, is-soċjetà PIV Game Limited kienet ingaġġjat 4 kandidati, senjatament lil Paula Claudia Sariola, Douglas Da Silva Pace, Jean Karl Abela, Eliseu Samuel Ferriera. Ma' dawn kien hemm ukoll David Martinez li kien replacement ta' kandidat ieħor preċedenti li kien irriżenja minn mas-soċjetà intimata. Illi l-lista ta' dawn il-kandidati tinsab riportata fid-database tas-soċjetà Pentasia Malta Limited, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u immarkata bħala Dok. "SP1"[15]. Is-somma dovuta lilna għas-servizzi ta' reklutaġġ reżi kienet tammonta għal €4,189.00 għal kull kandidat maħduma skond il-klawsola 3.2 tat-Terms of Business ibbażata fuq il-paga ta' €17,750 fis-sena kull persuna ngaġġjata. Illi fil-fatt, l-ammont dovut fuq kull fattura huwa ta' €3,500 flimkien ma' €639 bħala VAT, li b'kollox jammontaw għal €4,189 rispettivament. ... Illi jien kont ikkomunikajt ma' ċerta Michele Martinez min-naħa tas-soċjetà PIV Game Limited fir-rigward ta' dawn l-erba' kandidati u l-istess Martinez ikkonfermat illi l-kandidati kienu ġew ingaġġati mis-soċjetà PIV Game Limited u fuq din il-konferma jiena kont ħriġt erba' fatturi bin-numri 1009-568, 1009-569, 1009-570 u 1009-571 rispettivament għal kull kandidat li ġie ingaġġat mis-soċjetà intimata fit-22 ta' Settembru 2010 u dan ai termini tal-klawsola 3.1 tat-Terms of Business iffirmati bejn is-soċjetà Pentasia Malta Limited u s-soċjetà PIV Game Limited. Illi ftit tal-ġimgħat wara, kont ġejt infurmata li PIV Game Limited kienet bdiet tkeċċi lil dawn il-kandadati. Filfatt, kont irċevejt email fil-21 ta' Ottubru 2010 mingħand waħda minn dawn il-kandidati senjatament Paula Sariola, fejn infurmatni li l-impjeg ma kienx fil-konfront ta' PIV Gane Limited imma ta' 4club.com, li kienet website ġdida tal-gaming proprjetà ta' l-istess persuni li jmexxu PIV Game Limited u li wara ftit kienu keċċew xi impjegati minnhom minħabba li ma setgħux jaffordjawhom aktar, liema email qed tiġi hawn annessa u mmarkata "Dok. SP2"[16]. Irrid ngħid li 'redundancy' m'hijiex bażi għal riduzzjoni fil-ħlas jew replacement fit Terms of Business sopra imsemmi. ... Illi dawn il-fatturi maħruġa, senjatament il-fattura bin-numru 1009-568 kopja ta' liema hija annessa u esebita bħala Dok. "SP3" maħruġa fit-22 ta' Settembru 2010, maħruġa fil-konfront ta' Paola Claudia Sariola għall-ammont bilanċjali ta' €4,189.00 għadha sa' llum mhux onorata u dan minkejja li s-soċjetà Pentasia Malta Limited bgħatet lis-soċjetà intimata Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, Liema ittra ġġib in-numru 273/12 kif ukoll għamlet Mandat ta' Sekwestru kontra l-istess, liema Mandat iġib in-numru 377/12.*

Mid-dokumenti li tagħmel referenza għalihom Sara Portelli fl-affidavit tagħha, ossia id-dokument Dok. "SP1" a fol. 51 tal-proċess u d-dokument Dok. "SP2" a fol. 52 sa' 54 tal-proċess, jirriżulta li Paola Claudia Sariola kienet ġiet reklutata mis-soċjetà attriċi bħala kandidat għal impjieg fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta u li filfatt din Paola Claudia Sariola kienet ġiet magħżula bħala impjegat iżda però, fuq deċiżjoni

[15] Fol. 51 tal-proċess.
[16] Fol. 52 sa' 54 tal-proċess.

unilaterali tar-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta, mhux mas-soċjetà konvenuta iżda ma' soċjetà oħra, rappreżentata mill-istess nies. Finalment l-impjieg tagħha kien ġie terminat wara ftit taż-żmien.

Dawn il-provi u dokumenti prodotti mis-soċjetà attriċi ma ġewx kontradetti jew ribattuti mis-soċjetà konvenuta li lanqas biss resqet provi fil-meritu.

Fil-fehma tal-Qorti minn dak li jirriżulta mill-provi prodotti, is-soċjetà konvenuta ma esegwietx il-kuntratt bejnha u s-soċjetà attriċi in buona fede. Is-soċjetà konvenuta marret għal kollox kontra l-prinċipji ġuridiċi enunċjati fl-Artikoli 992 u 993 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta - *Artikolu 992 - Il-kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom. Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mill-liġi. Artikolu 993 - Il-kuntratti għandhom jiġu esebiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi* - meta wara li nqdiet bis-servizzi tas-soċjetà attriċi għar-reklutaġġ ta' kandidati għall-posizzjoni ta' impjegat/impjegati, ir-rappreżentanti tagħha unilateralment u mingħajr ma infurmaw lis-soċjetà attriċi impjegaw lil dawn il-kandidati - senjatament lil Paola Claudia Sariola għall-fini tal-proċeduri odjerni - ma' soċjetà oħra minnhom stess, jew aħjar minn uħud minnhom, rappreżentata. Fiċ-ċirkostanzi s-soċjetà konvenuta ma tistax u ma huwiex ġust li tipprova tevita r-responsabilitajiet tagħha verso s-soċjetà attriċi, ossia li tħallas dak minnha konkordat ai termini tal-ftehim datat 6 ta' Mejju 2009, billi tikkontendi li l-persuna għal min tirreferi l-fattura mertu ta' dawn il-proċeduri ma ġietx impjegata magħha. Għaldaqstant, is-soċjetà konvenuta hija tenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €4,189 kif riżultanti mill-fattura bin-numru 1009-568 datata 22 ta' Settembru 2012.

Il-fatt li l-impjieg ta' din Paola Claudia Sariola ġie terminat, hekk kif jirriżulta mill-e-mail datata 21 ta' Ottubru 2010, fol. 52 u 53 tal-proċess, xorta waħda ma jwassalx biex is-soċjetà attriċi titlef id-dritt tagħha għall-ħlas tas-somma ta' €4,189 u dana billi indipendentement minn dak li jistipulaw il-klawsoli 4.1 u 4.2 tal-ftehim datat 6 ta' Mejju 2010 dwar *Rimborso*, il-klawsola 4.3 ta' l-imsemmi ftehim kjarament tistipula li: *l'obbligo di rimborso sussisterà solo se ricorrano le seguenti condizioni: Che tutte le somme dovute per diritti di agenzia siano state interamente versate; Che il Cliente abbia informato per iscritto l' Agenzia dell'avvenuta risoluzione del rapporto di lavoro entro 7 giorni dalla risoluzione stessa; Che la risoluzione o il recesso dal rapporto di lavoro non sia dovuta a esubero, gravidanza, infortunio o malattia oppure per causa di pregiudizio razziale, sessuale, di orientamento sessuale, religione o credo, disabilità o età; Che la risoluzione o il recesso non siano immotivati, sì da apparire frutto di una scelta preordinata allo scopo di servirsi del Lavoratore per un tempo limitato e di ottenere poi un ingiusto rimborso.*

Is-soċjetà konvenuta - tramite x-xhieda ta' Cesare Florio[17] - straħet esklussivament fuq l-allegazzjoni li Paola Claudia Sariola ma kenitx impjegata tagħha u magħha u ma ressqet l-ebda prova oħra li sodisfaċentement tegħleb u tikkontradiċi l-provi prodotti

[17] Seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju fl-20 ta' Marzu 2013, fol. 17 sa' 23 tal-proċess.

mis-soċjetà attriċi u l-fatti riżultanti minnhom jew li turi li nonostante kollox is-soċjetà attriċi ma għandhiex dritt għall-ħlas minnha pretiż.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tas-soċjetà attriċi kif dedotta fil-konfront tas-soċjetà konvenuta hija ġustifikata u b'hekk jistħoqq li tiġi milqugħa, filwaqt li anke l-eċċezzjoni fil-mertu tas-soċjetà konvenuta għandha tiġi miċħuda.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari kif ukoll l-eċċezzjoni fil-mertu sollevati mis-soċjetà konvenuta u minflok tilqa' t-talba attriċi u b'hekk tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €4,189, bl-imgħax legali dekoribbli mit-22 ta' Ottubru 2012 sas-27 ta' Frar 2014 u mill-ġdid mit-8 ta' Jannar 2018 sad-data ta' l-effettiv pagament. Ma għandu jiġi kkalkolat ebda imgħax bejn it-28 ta' Frar 2014 u s-7 ta' Jannar 2018 peress illi tul dan il-perijodu s-smigħ tal-provi f'dawn il-proċeduri kien, fuq talba tas-soċjetà attriċi, ġie sospiż pendenti l-eżitu ta' proċeduri oħra bejn l-istess partijiet kontendenti.

L-ispejjeż tal-proċeduri u dawk relattivi għall-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 273/12 u tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 377/12, jibqgħu a karigu tas-soċjetà konvenuta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**